

---

Il-Ħamis 14 ta' Settembru 2017

P8\_TA(2017)0356

## Fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju u fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej \*\*\*I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Settembru 2017 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 345/2013 dwar fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju u r-Regolament (UE) Nru 346/2013 dwar il-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej (COM(2016)0461 – C8-0320/2016 – 2016/0221(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2018/C 337/43)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2016)0461),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema Artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0320/2016),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-12 ta' Settembru 2016 <sup>(1)</sup> ),
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 <sup>(2)</sup> ),
  - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbi fis-sens tal-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tad-29 ta' Ġunju 2017, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A8-0120/2017),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jistieden lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.
- 

### P8\_TC1-COD(2016)0221

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tal-14 ta' Settembru 2017 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2017/...tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 345/2013 dwar fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju u r-Regolament (UE) Nru 346/2013 dwar il-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej**

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġiżlattiv finali, Regolament (UE) 2017/1991.)

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 394, 26.10.2016, p. 2.  
<sup>(2)</sup> ĠU C 75, 10.3.2017, p. 48.